MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 171/2002/1

**Rita Mifsud**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta’ Frar 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b’digriet tas-Sekond’ Awla Qorti Civili tat-22 ta’ Jannar 2002, l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut;

Illi minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta’ adulterju, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali u minhabba nkompatibbilta' ta’ karattru u

konsegwentement il-hajja konjugali bejn il-partijiet m'hijiex aktar possibbli;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja u tordna s-separazzjoni bejn il-partijiet;

2. M'ghandux il-konvenut jigi kundannat illi jamministra lill-attrici retta alimentarja adegwata;

3. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u tiddikjaraha xolta;

4. Tordna lill-konvenut johrog mid-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illi qieghed jigi mharrek biex jidher ghal din is-separazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Mejju 2002; tat-12 ta' Novembru 2002 fejn Dr. Luciano Busuttil ghall-attrici ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza; tal-11 ta' Frar 2003 fejn l-attrici pprezentat nota b'erba' (4) affidavits. Il-konvenut imsejjah diversi darbi baqa' ma deherx. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici, wara liema seduti l-provi tal-partijiet ikunu dikjarati maghluqa. Fuq talba ta' Dr. Luciano Busuttil ghall-attrici l-Qorti ezentat lir-rapprezentanti tal-Banek mis-sigriet professjonali, b'dan li x-xhieda taghhom tkun disponibbli biss lill-partijiet u d-difensuri taghhom, lill-Assistent Gudizzjarju u lill-Qorti; tal-1 t'April 2003; tal-10 ta' Gunju 2003; tat-13 ta' Novembru 2003; tal-20 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat li l-konvenut minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fil-25 ta' Novembru 2002 xorta baqa' ma pprezenta ebda nota ta' l-eccezzjonijiet, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn il-konvenut baqa' kontumaci u ghalhekk ix-xhieda kollha prodotti huma dawk attrici. Mill-provi prodotti jirrizulta illi tul il-hamsa u ghoxrin (25) sena zwieg taghhom il-konvenut litteralment haqar lill-attrici u rrenda ruhu hati lejha ta' vjolenza domestika, li tinkludi swat, theddid, sevizzi u ngurji gravi. L-affidavit ta' l-attrici jirrakkonta dak li din il-Qorti thoss bhala l-martirju li din il-persuna kellha tghaddi minnu. Jidher li l-atteggjament vjolenti tieghu ma kienx ristrett ghal martu izda sahansitra ghal uliedu. Ma hemm l-ebda dubju li mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-aktar li l-konvenut kien jaghmel hsara kien meta jkun fis-sakra. Dan kollu jinsab ikkorroborat mix-xhieda ta' Roderick Mifsud iben il-kontendenti, li jidher li kellu problemi serji, u Josef Mifsud u Crocefissa Rickett u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li a bazi tal-provi prodotti l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha a bazi ta' sevizzi, ingurji gravi, theddid li tinkudi vjolenza fizika u morali. L-allegat aduterju ma hemm l-ebda prova tieghu.

Illi dwar manteniment ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici ghandha dritt ta' ghalih, u f'dan il-kuntest din il-Qorti tafferma tali dritt, u tikkonferma kull provvediment dwar l-istess manteniment, anke a bazi ta' dak indikat fid-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti ma tressqet l-ebda prova hlief xi kontijiet bankarji. Din il-Qorti tordna li kull depozitu fl-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Illi rigward id-dar matrimonjali u l-ghamara li hemm fl-istess, in vista ta’ dak li ser jinghad a bazi tar-raba’ talba attrici, tordna li l-istess ghamara tibqa’ fl-istess dar, u tigi assenjata lill-attrici bl-applikazzjoni ta’ **l-artikolu 54 u 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut, (u anke in vista tal-fatt li mill-provi prodotti dwar depozitu bankarji, il-konvenut kien irtira mill-istess kontijiet diversi somom ghall-uzu esklussiv tieghu). Fl-istess waqt l-affarijiet personali tal-konvenut ghandhom jittiehdu mill-istess konvenut, fit-terminu li ser jigi moghti lilu aktar ’il quddiem sabiex jizgombra mill-istess dar konjugali. Dana peress li din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-konvenut qed ikun ta’ perikolu serju ghall-attrici u wliedha meta jkunu fl-istess dar.

Illi ovvjament qed jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** u wkoll id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** u dan peress li jidher li l-istess konvenut kemm-il darba naqas li jmantni lil martu.

Illi dwar il-raba’ talba din ghandha tigi milqugha u din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jizgombra u johrog mid-dar matrimonjali 79, Triq Hal Dwin, Zebbug Malta, u dan fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan li din il-Qorti qed tawtorizza lill-attrici sabiex a bazi ta’ l-**artikolu 55A** tghix esklussivament ma’ wliedha fid-dar ta’ zwieg, bl-eskuzjoni tal-konvenut.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz**, b’dan illi:-

1. Tippronunzja u tordna s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, swat, theddid u ngurji gravi, u mohqrija li tinkudi vjolenza domestika, fizika u morali, u a bazi ta’ l-istess iz-zwieg

bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment minhabba l-agir abuziv ta’ l-istess konvenut lejn martu u wliedu.

2. Tilqa’ din it-talba biss fil-kuntest tal-provi prodotti b’dan li tiddikjara li l-attrici ghandha dritt ta’ manteniment minghand il-konvenut, u fl-isfond tal-provi prodotti din il-Qorti tafferma tali dritt u tikkonferma kull provvediment dwar l-istess manteniment anke a bazi ta’ dak indikat fid-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili. Fil-konfront tal-konvenut qed jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

3. Tilqa’ din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mit-12 ta’ Frar 2002, u tillikwida l-istess komunjoni b’dan li tiddikjara li mill-provi prodotti din ma tikkonsisti f’xejn ta’ valur u kulma fiha huma xi depoziti bankarji ta’ portata minima, li ghandhom jinqasmu bejn iz-zewg partijiet. Fl-istess waqt qed jigi deciz li l-ghamara li hemm fil-fond “Peprit”, 79, Triq Hal Dwin, Zebbug, Malta jigu assenjati lill-attrici wkoll bl-applikazzjoni ta’ **l-artikoli 54 (6) tal-Kap 16**, *stante* li l-konvenut ghal diversi drabi ma pprovdiex ghall-manteniment ta’ l-attrici, u ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u wkoll ghar-ragunijiet fuq premessi. Fl-istess waqt l-affarijiet personali tal-konvenut ghandhom jittiehdu mill-istess konvenut, fit-terminu li qed jigi moghti lilu a bazi tar-raba’ talba attrici, sabiex jizgombra mid-dar konjugali,

4. Tilqa’ din it-talba, u tordna lill-konvenut sabiex jizgombra u johrog mid-dar matrimonjali 79, Triq Hal Dwin, Zebbug Malta, u dan fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan li din il-Qorti qed tawtorizza lill-attrici sabiex a bazi ta’ l-**artikolu 55A** tghix esklussivament ma’ wliedha fid-dar ta’ zwieg, bl-eskuzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------